## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU SITTAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar, 2003 fil-5.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (3.20pm) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

### AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Jum l-Isla.
4) Laqgħa Pubblika Annwali.
5) Mozzjonijiet.
6) Ħtieġa ta' Skrivana (full time).
7) Rapport - Ġemellaġġ.
8) Ilmenti mir-Residenti.
9) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 16 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

16.(1).1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Minuti tal-laqgħa numru 15 ġew approvati kif ippreżentati nem con.

## 16(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u l-ħidma li saret.*

*16.(2).1 Ladies Circle ( 07 / 02 / 2003 )*

Is-Sindku kien mistieden biex imexxi din il-laqgħa li kellha l-għan li jiġl mfisser il-ħidma ta' din l-għaqda favur l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez fl-Isla. Preżenti kien hemm wkoll Amanda Ellul.

Ġew diskussi d-diffikultajiet li hemm f'din l-iskola. Hja x-xewqa ta' din l-għaqda li torganiżża attivitajiet bil-għan li jinħoloq fund raising ħalli huma jkunun jistgħu jwettqu xi bżonnijiet li jkollha l-Iskola.

Is-Sindku għandu jgħarraf b'dak li ġie diskuss lill-Kunsill Skolastiku.

*16.(2).2 Kunsill Skolastiku ( 11 / 02 / 2003 )*

Is-Sindku attenda laqgħa tal-Kunsill Skolastiku fejn huwa fisser il-għan u l-ħidma li dawn in-nisa fi ħdan il-Ladies Circle favur il-ħtiġijiet ta' l-Iskola. Huwa fisser li filwaqt li san il-Kumitat ser iżomm l-indipendenza tiegħu jaħdem fil-qrib mal-Kunsill Skolastiku.

Saret diskussjoni dwar il-bżonn ta' Social Worker fil-lokal ta' l-Isla.

*16.(2).3 Sotto Kumitat Proġetti / Infrastruttura (11 / 02 / 2003)*

Saret laqgħa ta' dan is-Sotto Kumitat fejn kienu preżenti l-Membri kollha flimkien mal-Perit Lawrence Mintoff bħala l-Contract Manager tal-Kunsill.

Punti ta' diskussjoni jidhru fil-Minuti mehmuża ta' dan is-Sotto Kumitat.

*16.(2).4 Studenti Universitarji (13 / 02 / 2003)*

Is-Sindku iltaqa' ma' żewġ studenti li qed jagħmlu Kors fl-Universita' dwar Studji Soċjali, ġew diskussi t-temi Ġenerazzjoni u Problemi Soċjali fil-Kottonera, dwar l-Anzjani, żgħażagħ, skola u edukazzjni fil-lokal, Ambjent u Proġetti.

*16.(2).5 Kumitat Konġunt (13 / 02 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt fil-Fgura fejn ġew diskussi l-problemi li jeżistu. Kien preżenti wkoll is-Sur DeMartino u s-Sur Charles Curmi. Il-laqgħa ntemmet tard filgħaxija.

*16.(2).6 Antoine Aquilina (17 / 02 / 2003)*

Student mill-Universita' ta' Malta ltaqa' mas-Sindku fejn ingħata tagħrif dwar attivitajiet li ser jiġu organiżżati kif ukoll problemi ta' Anzjani, Problemi taż-Żgħażagħ u kif il-Kunsill qed jgħin minn dak li jista.

*16.(2).7 Film Djarju 1565*

Is-Sindku Joe Casha kellu laqgħa mas-sinjorina Claire Zammit f'isem kumpanija taljana li ser ittellgħa produzzjoni ta' filmati fuq CD ta' madwar 45 minuta dwar l-Assedju tat-Torok f'Malta fl-1565.

Din ir-rappreżentazzjoni ser issir għall-ewwel darba fil-Festi Nazzjonali ta' Settembru u ser ikunu bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Malti.

Minħabba li l-isfond ta' din il-ġrajja ser ikunu s-Swar tal-Kottonera huwa qed jaħsbu li dan ix-xogħol jittella wkoll fit-tlett ibliet.

Huma talbu jekk nistgħu biex insibu xi sponsors kif ukoll li ngħaddulhom materjal li jikkonċerna l-Isla u li jkun jista' jiġl mdaħħal f'din il-produzzjoni.

*16.(2).8 Qabża bil-Muturi ( 19 / 02 / 2003)*

Saret laqgħa ma' Stuart Burke fejn fisser aktar dwar din l-attivita' li bi ħsiebu jtella, fejn ser isir wirja ta' Qabża bil-Mutur mix-Xatt tal-Birgu għax-Xatt ta' l-Isla.

*16.(2).9 Kumitat Ġemellaġġ (20 / 02 / 2003)*

Saret laqgħa ta' dan il-kumitat fejn ġew diskussi diversi proposti. Għandhom isiru aktar laqgħat. GĦandhu jintbagħat materjal dwar l-Isla biex jidħol fil-gażżetti lokali ta' Cassino.

*16.(2).10 Dipartiment ta' l-Artijiet (24 / 02/ 2003)*

Is-Sindku ġabar tagħrif dwar xelters li huma fl-Isla. Għad irid jinġabar aktar tagħrif dwar kemm hawn xelters fl-Isla u tal-qagħda tagħhom.

*16.(2).11 Laqgħa Senglea Athletics F. C. (24 / 02/ 2003)*

Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Joe Casha l-Kunsillier Reno Chircop u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' Dr. V. Zammit President u Andrew Cutajar għas-Senglea Athletics.

Saret diskussjoni fuq il-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u s-Senglea Athletics F. C. u fejn lż-żewġ naħat urew il-ħsieb tagħhom u fejn ġew iċċarati l-punti dwar diversita' taż-żewġ naħat.

Din il-laqgħa wasslet biex iż-żewġ naħat fehmu aktar il-ħsibijiet ta' xulxin u wegħdu li għall-quddiem ikun hemm aktar kommunikazzjoni u kuntatt mill-qrib biex jiġl evitat xi misunderstanding.

F"din il-laqgħa s-Sindku ta tagħrif taż-żjara tal-Kunsill fil-Belt ta' Cassino u dwar dak li għandhu x'jaqsam mas-Senglea Athletic F. C. f'dan ir-rigward. Jidher li football tournament ġewwa Cassino huwa previst li jsir fis-sena 2004.

Is-Sindku wera l-ħsieb li fil-laqgħa pubblika jagħti tagħrif dwar Iż-żjara tal-Kunsill fil-Belt ta' Cassino fuq il-bażi ta' ġemellaġġ.

*16.(2).12 Bank of Valletta - Bormla (25 / 02/ 2003)*

Saret laqgħa mas-Sur Tancred Mizzi uffiċjal fi ħdan il-Bank. Din kienet laqgħa ta' familjarizazzjoni billi s-Sur Mizzi għadu kif ġie posted fil-Bank ta' Bormla. Ġew imfissra s-servizzi li qed joffri l-Bank.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku Joe Casha u s-Segretarju Eżekuttiv.

*16.(2).13 Kordinatur Youth Sports Section (26 / 02/ 2003)*

Is-Sindku Joe Casha ul-Kunsillier Reno Chircop kellhom laqgħa mas-Sur Andrew Darmanin Kordinatur tal-Youth Sports Section fejn ġiet diskussa l-għajnuna li tista' tingħata f'dan il-lokal.

*16.(2).14 Laqgħa maż-Żgħażagħ ( 06 / 02/ 2003)*

Is-Sindku Joe Casha u l-Kunsillier Reno Chircop attendew laqgħa ma' 12 il-żagħżugħ/a li organiżża l-Arċipriet ma' Fr. Sammut.

Is-Sindku wera kif il-Kunsill kien qed jaħdem favur Iż-żgħażagħ fil-lokal billi waqqaf sezzjoni għalihom fil-Kunsill. Għalhekk is-Sindku laqa' bil-ferħa din l-inizjattiva mill-Arċipriet li waqqaf dan il-grupp.

Is-Sindku Joe Casha barra li wiegħed li jkompli jimpenju ruħu għall-ħidma favur iż-żgħażagħ ta l-approvazzjoni tiegħu u tal-Kunsill għal dak li jista' jsir minn dawn iż-żgħażagħ.

*16.(2).15 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-1 u t-28 ta' Frar 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0202/03/I* *Fuel Station Fix-Xatt*

Il-Malta Environment and Planning Auhtority infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Consortium PA 04988/00 dwar impjant ta' fuel station fix-Xatt ta' l-Isla quddiem il-grawnd tal-futbol ġiet rifjutata.

*04/0217/03/I* *Futbol Tournament*

Il-Kunsill Lokali Marsa stieden lil dan il-Kunsill biex jieħu sehem f'tournament tal-futbol li l-Kunsill tal-Marsa ser jorganiżża bejn id-29 u l-31 ta' Marzu 2003.

Il-Kunsillier Reno Chircop għandhu jieħu ħsieb dan.

*04/0277/03/I* *Konferenza Internazzjonali Bliet Storiċi*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għal Konferenza Internazzjonali tal-Bliet StoriċI li ser issir bejn it-13 u l-15 ta' April, 2003.

*04/0240/03/I* *SIġar għal Uliedna*

Permezz ta' Memo 4/2003 tal-Ministeru ta' l-Intern u l-Ambjent wara inizjattiva biex jitkabbar in-numru ta' siġar fil-pajjiż billi stieden lil kull familja li jkollha wild ġdid tħawwel siġra fil-lokal.

Il-Kunsill qabel li jiġi ndikat is-sit fejn dawn is-siġar ikunu jistgħu jitħawwlu.

*04/0248/03/I* *Għaqda Festi Esterni Parrokjali*

Din l-Għaqda tablet biex il-Kunsill jagħmel talba lil Port Cottonera sabiex huma jkunu jistgħu jorganiżżaw attivitajiet fuq il-bejt tal-Maċina. Il-Kunsill diġa laqa' din it-talba u kiteb lill-consortium.

*04/0243/03/I* *Talbiet mill-Monitoring Unit - Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsill wieġeb it-talbiet tal-Monitoring Unit kienet dwar il-balance Sheet ta' Jannar 2003 kif ukoll il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

Il-Kunsill diġa bagħat ir-rapport finanzjarju tat-Tielet Kwart (Ott-Diċ 2002). Kopja ta' dan ir-rapport huwa mehmuż ma' dawn il-Minuti.

*04/0253/03/I* *Permessi mill-MEPA*

Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għal xogħol ta' kostruzzjoni f'diversi partijiet fil-lokal. Dawn Huma : App No 5087/02, 07004/02, 00506/03, 00619/03 mehmuża ma' dawn il-Minuti.

App 00619/03 hija applikazzjoni ta' Antenna minn Go mobile fuq il-kampnar tal-Knisja ta'

San Filippu. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Awtorita Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar li din l-antenna ma' għandhiex issir minħabba:

1. Is-saħħa tan-nies ta' madwar
2. Periklu strutturali tal-Kampnar
3. Interferenza fid-dawl elettriku u trasmissjoni tar-Radju u Televiżjoni
4. Din hija eye sore.

*04/0259/03/I Parking Disabled (19 / 02 / 03)*

Il-Kunsill qabel mat-talba biex il-kliem DIS jinbidel u ssir sħiħa ħalli jinqata' l-abbuż li qed jipparkjaw dawk li mhux eliġibbli li jużawhom. Dan il-parking jinsab f'Misraħ Mitrovich.

*04/0288/03/I President tal-Kunsill Skolastiku*

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni approva l-ħatra tas-Sur Arthur Napier bħala President tal-Kunsill Skolastiku 2003/2004.

*04/0297/03/I Model Agreement - Dipartiment tat-Toroq*

Il-Kunsill irċieva Model Agreement dwar ftehim bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tat-Toroq li jista' jservi ta' bażi għal xogħol ta' resurfacing tat-toroq wara li jkun ġie diskuss fil-Kunsill. Kopja Mehmuża.

*04/0308/03/I Bliet Storiċi*

Il-Kunsill ġie nfurmat u mistieden għal seminar li ser jiġi organiżżat mill-Eather u MEPA aktar tard din is-sena mill-Għaqda Bliet Storiċi.

Il-Kunsill qabel li jistieden lis-Sur Brian Smith fl-lokal u li dan ser ikun hemm għal dan is-seminar.

*04/0313/03/I Ladies Circle*

Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Ladies Circle biex Iżomm Coffee Morning fis-Sala tal-Kunsill bħala fund raising għalihom. Dan ser isir fit-18 ta' Marzu 2003.

*04/0314/03/I Kummisjoni Marċ Te Deum*

Il-Kunsill laqa' t-talba tagħhom biex jagħmlu high tea fis-Sala tal-Kunsill darba fix-xahar u mhux kif talbu darba kull ħmistax (ittra mehmuża).

*04/0200/03/I* *Art Television*

L-Awtorita Maltija għat-Turiżmu infurmat lill-Kunsill li stazzjoni televiżiv Franċiż Art Television ser ikun Malta biex jiġbed filmat dwar treasure hunt. Xtaqu jkunu jafu jekk hux sejjer isir xi xogħol. Il-Kunsill qed jippjana li jsir sponsorship fil-lokal għal dan is-servizz.

*04/0351/03/I* *Logħob tal-Football fuq Iz-Zuntier tal-Knisja ta' San Filippu*

Wara li l-Kunsill irrisponda lil Brave Heart fuq il-Gażżetti, rċieva lment dwar tfal li jkunu qed jilagħbu fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Filippu. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lil minn ressaq l-ilment, (ikkupjata lill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' l-Isla) fejn jiġi mfisser lilu x'sar mill-Kunsill u kif huma l-affarijiet f'dan ir-rigward. (Kopja ta' l-ittra mehmuża).

## 16(3) Jum l-Isla

Il-Kunsill waqqaf Kumitat ta' Azzjoni magħmul mis-Sindku Joe Casha l-Kunsillieri Charmaine Gerada, Reno Chircop u s-Segretarju Eżekuttiv biex lħejju programm u l-finanjzament ta' din l-attivita'.

Il-Kunsill bi ħsiebu jistieden lis-Sindku u żewġ persuni oħra mill-Belt ta' Cassino biex ikompli jħejji l-panijiet kollha ħalli dan il-ġemellaġġ jiġi finalizzat.

## 16(4) Laqgħa Pubblika

Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Pubblika ta' kull sena ssir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2003 fis-6.00pm, fis-Sala tal-Kunsill.

Ir-rapport ta' Ħidma għandhu jiġi pprezentat aktar tard biex ikun approvat mill-Kunsill.

## 16(5) Mozzjonijiet (11/2003)

Il-Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Charmaine Gerada dwar id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, li sal-ħin li kienet qed issir il-laqgħa kienet għada mhux issekondata, s-Sindku talab biex din il-Mozzjoni tiġi ssekondata.

Billi baqa' ma' kienx hemm sekondament il-Mozzjoni waqgħet.

Is-Sindku poġġa statement fejn fihem għalfejn din il-Mozzjoni baqgħet ma' ġietx issekondata.

Kemm il-Mozzjoni kif ukoll l-istatement huma mehmuża ma' dawn il-Minuti.

## 16(6) Ħatra ta' Skrivana (Full Time) Fil-Kunsill

Il-Kunsill iddiskuta ngaġġ ta' skrivana full time fil-Kunsill. Dan minħabba li dan is-servizz bħal issa qed jingħata permezz ta' skema ta' l-ETC Community Work Scheme li ser tagħlaq fl-aħħar ta' Marzu 2003.

Minħabba li s-Sindku Joe Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa urġenti ma' l-Avukat tal-Kunsill, sar qbil li l-Kunsill jaġġorna għal nhar it-Tlieta 4 ta' Marzu 2003 fejn jitkompla x-xogħol fuq dan l-item ta' l-Agenda kif ukoll ix-xogħol li baqa' jiġi diskuss.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.00pm għal nhar it-Tlieta 4 ta' Marzu 2003.

Għalkemm it-tkomplija tas-16 il-laqgħa kienet aġġornata għal nhar it-Tlieta 4 ta' Marzu 2003 minħabba xogħol ieħor tal-Kunsill il-laqgħa ġiet posposta għal nhar il-Ġimgħa 7 ta' Marzu 2003 fis-2.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (3.20pm) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

## 16(6) Ħatra ta' Skrivana (Full Time) Fil-Kunsill

*16 (6) . 1* Wara diskussjoni fit-tul, is-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ippropona li minħabba li l-finanzi tal-Kunsill huma limitati u hemm proġetti xi jwettaq u l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jingaġġa skrivana fuq bażi full time. Għaldaqstant il-Kunsill minflok għandhu joħroġ sejħa pubblika għal servizz klerikali kuntrattwali biex jibda jitħaddem hekk kif l-iskema ta' l-ETC Community Work tiġi fi tmiema.

Il-Costing ta' skrivana full time huwa mehmuż ma' dawn il-Minuti.

*16 (6) .2* Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma' kienitx qed taqbel fil-prinċipju li jsir ingaġġ fuq bażi kuntrattwali tant li ressqet emenda għall-proposta mressqa mis-Sindku Joseph Casha.

Hija ressqet din il-proposta " Billi issa l-Clerk Community Work Scheme qegħda tiswa lill-Kunsill Lm 1, 358 (Bonuses nklużi) u peress li l-Kunsill għandhu allokazzjoni ta' Lm 3, 122 fis-sena għas-servizz ta' Egovernment, il-Kunsill jistgħa jagħmel użu minn dawn biex jimpjega clerk full time. Dawn flimkien jammontaw għal Lm 4, 480.

Jekk jitnaqqas is-salarju ta' clerk full time li jammonta għal Lm 3, 863.oo, il-Kunsill jibqalgħu bilanċ ta' Lm 617.

Għalhekk fl-opinjoni tiegħI jagħmel sens li l-Kunsill jimpjega clerk full time biex jitkmpla jingħata servizz tajjeb lir-residenti. Ta' min ifakkar li l-vot ta' Lm 3, 122 li fl-allokazzjoni annwali ġie speċifikat għall-użu ewlieni ta' l-Egovernment u biex tiġi mpjegata clerk full time."

Billi din l-emenda mill-Kunsillier Charmaine Gerada ma' kellhiex sekondant, l-emenda waqgħet.

*16 (6) . 3* Wara tressqet għall-voti, il-proposta mressqa mis-Sindku u l-Viċi Sindku. Din ġiet approvata b'erba (4) voti favur :Joseph Casha, Walter Ahar, Mario Mizzi u Reno Chircop u vot wieħed (1) kontra : Charmaine Gerada.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandhu joħroġ sejħa għall-offerti għal servizz klerikali kuntrattwali.

*16 (6) . 4* Fil fra temp il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt taħt l-iskema tal-Community Work ta' l-ETC għal 13 -il ġimgħa oħra sa' l-aħħar ta' Ġunju 2003.

*16 (6) . 5* *Accountant tal-Kunsill*

Il-Kunsill qabel li għas-sena finanzjarja 2003/2004 ikollu l-Accountant tiegħu għall-fini taż-żamma tal-finanzi tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

## 16(7) Ġemellaġġ mal-Belt ta' Cassino

Il-Kunsill bagħat artiklu dwar l-Isla u l-ħidma li qed issir biex jiġI pubblikat f'ġurnali taljani fil-Belt ta' Cassino.

Il-Kumitat maħtur apposta għal dan il-għan qed jaħdem fuq programm li jrid jitwtaq f'din is-sena li ġejja b'relazzjoni mal-ġemellaġġ.

Is-Sindku Joe Casha għandhu jieħu ħsieb jiġbor tagħrif dwar akkomodazzjoni.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-infieq għal dan il-ġemellaġġ ikun mill-inqas.

## 16(8) Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta lista ta' ilmenti li hija mehmuża ma' dawn il-Minuti.

*16 (8) . 1* Jidher li hemm problemi ta' drenaġġ fi Triq Sant'Anġlu quddiem Dela Ghiller, fi Triq Is-Sur quddiem Connie Galea u fi Triq l-Vitorja quddiem il-Kunsill Parrokjali.

Il-Kunsill qabel li jitlob lil Contract Manager tal-Kunsill biex jagħmel rapport dwar dawn l-ilmenti.

*16 (8) . 2* Talba biex il-plakkek li jindikaw blokk ta' flats li hemm fi Triq Is-Sur jew jiġu mibdula jew jerġgħu jinżebgħu. Il-Kunsill qabel li jekk ma' jistgħux jinżebgħu dawn jinbidlu. Għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar.

*16 (8) . 3* *Triq San Mikiel*

Il-Kunsill qabel li tinbagħat ittra lill-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku dwar parking fi Triq San Mikiel. Għandha ssir laqgħa ma' l-Awtorita fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

*16 (8) . 4* *Bollard fi Triq il-Kurċifiss*

Il-Kunsill irċieva talba biex issir bollard f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li jieħu l-parir tal-Bord għal Kontroll tat-Traffiku.

*16 (8) . 5* *J. B. Azopardo*

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Sur Ray Bondin tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera fuq dan il-proġett.

## 16(9) Approvazzjoni u l-ffirmar ta' l-Ordnijiet ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti għall-ammont ta' Lm 7,247.87ċ għal ħlasijiet li saru bejn id-9 u l-31 ta' Jannar 2003. Dan il-ħlas ġie approvat nem. con.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-6.45pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ____________________________________

---

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |